MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 329/2008

**GRANDS REAL ESTATE LTD. (C-11539)**

vs

Mario **SCHEMBRI** f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' MT Company Ltd (C-41597) u Rosario *sive* Louis Tabone u Claudia Tabone f'isimhom proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' Jaycee Catering (P550) ġja' Jaycee Catering Co. Ltd (C-10321)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-3 ta' April, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija s-soċjeta' rikorrenti talbet li din il-Qorti:

( i ) Issib li kien bis-saħħa tal-agenzija, intervent u s-serviġi tal-istess kumpanija attriċi, li seħħ il-bejgħ lill-imħarrkin Schembri *proprio* u *nomine* mill-imħarrkin l-oħrajn Tabone *proprio* u *nomine* tal-fond bl-isem ta' "*Cherry Tree Pub & Restaurant*", fi Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tal-24 ta' Lulju, 2007, fl-atti tan-Nutar Robert John Muscat;

( ii ) Tiddikjara li l-imħarrkin għandhom jagħtuha s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf disa' mija u tnejn u ħamsin euro u tmienja u erbgħin euro ċenteżmi (€27,952.48) rappreżentanti s-somma likwidata bħala senserija;

( iii ) Tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha l-imsemmija somma ta' €27,952.48. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' April, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati għall-finijiet tal-art 187 tal-Kap 12 li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet lir-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2009, li bih u fuq talba tal-imħarrek Mario Schembri, tatu żmien biex irressaq Nota ta' Sottomissjonijiet għall-finijiet tal-art 158(10) tal-Kap 12;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Rat li, minkejja l-fakulta' mogħtija lill-imħarrek, dan naqas li jressaq in-Nota bis-Sottomissjonijiet tiegħu;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula minn George Spiteri waqt is-smigħ tal-lum, u tal-avukat tal-kumpannija attriċi;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-Kontumaċja tal-intimat tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talbiet** tas-soċjeta' rikkorrenti kif dedotti fir-Rikors Maħluf bl-ispejjeż kontra l-intimati in solidum bejniethom, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma li għandhom jibdew jgħaddu b'effett mill-25 ta' Lulju, 2008, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------